**FIT-TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

**GUDIKATUR: DR JOSEPH P BONNICI LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 3 ta' Gunju 2002**

**Numru 19**

**Avviz numru 1614/01**

**Mario Testa**

**vs**

**Alfred u Georgina konjugi Theuma**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas tas-somma ta' Lm575.00 (hames mija u hamsa u sebghin lira Maltin) prezz ta' servizz u materjal konness ma' gbid ta' ritratti u "video".

Bl-ispejjez u bl-imghax. Il-konvenuti gew ingunti ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenuti fejn eccepew:

Illi l-azzjoni hija preskritta a tenur tal-artikolu 2148 tal-Kodici Civili.

L-eccipjenti ma ghandu jaghti xejn lill-attur.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Sema' ix-xhieda u ezamina d-dokumenti esebiti.

Ikkunsidra.

Illi l-konvenut eccepixxa l-preskrizzjoni tat-tmintax (18) il-xahar.

L-attur stqarr li s-servizz gie rez fil-gurnata tat-tieg tal-konvenut ossia fil-11 ta' Gunju, 1995. La saru pagamenti u wisq anqas rikonoxximent tad-debitur. Irrizulta att gudizzjarju sabiex jitlob il-pagament cirka sentejn ilu cioe fis-sena 2000. Il-fatt li ddepozita l-oggetti meritu tal-kreditur taht l-Awtorita' tal-Onor. Qorti tal-Magistrati (Malta) ma jfissirx li t-terminu tal-preskrizzjoni jibda jiddekorri minn dakinhar. Il-ligi stess kif konfermata minn

gurisprudenza kostanti tistipula li l-perjodu jibda jghaddi minn dakinhar li gie rez is-servizz.

It-Tribunal jaqta u jiddeciedi din il-kawza billi jilqa l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut, jichad it-talbiet attrici, bl-ispejjes kontra l-istess attur.

**Dr Joseph P Bonnici**
**Gudikatur**